

32003R0350

26.2.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 51/19

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 350/2003  
tal-25 ta' Frar 2003**

**li jemenda għat-tlettax il-darba Regolament tal-Kunsill (KE) Nmr 881/2002 li jimponi ċerta miżuri speċifiċi ta' ristrizzjoni kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' l-Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nmr 467/2001**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat Regolament tal-Kunsill (KE) Nmr 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerta miżuri speċifiċi ta' ristrizzjoni kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' l-Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nmr 467/2001 tas-27 ta' Mejju 2002 li jipprojbixxi l-espportazzjoni ta' ċerta merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, isaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet fl-ispazju ta' l-ajru tagħhom u li jestendi l-friża tal-fondi u riżorsi finanzjarji oħra fejn għandu x'jaqsam it-Taliban ta' l-Afganistan <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat minn Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nmr 342/2003 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1), l-ewwel sottoparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I ta' Regulament (KE) Nmr 881/2002 jillista il-persuni, gruppi u entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.

- (2) (2)) Fl-24 ta' Frar 2003, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet iddeċieda li jemenda l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom għandu jappilka l-iffriżar ta' fondi u sorsi ekonomiċi u, għaldaqstant, l-Anness I għandu jkun emendat skond il-bżonn.
- (3) Sabiex jiżgura li l-miżuri maħsuba f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ minnufih,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I ta' Regolament (KE) Nmr 881/2002 huwa hawnhekk emendat skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Frar 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Christopher PATTEN

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 49, tat-22.2.2003, p. 13.

<sup>(2)</sup> ĠU L 139, tad-29.5.2002, p. 9.

## ANNEX

L-Anness I ta' Regolament (KE) Nmr 881/2002 huwa emendat kif ġej:

Il-frażi li ġejja għandha tiżdied taħt l-intestatura "Persuni legali, gruppi u entitajiet":

Ansar al-Islam (magħrufa bħala d-Devoti ta' l-Islam, Jund al-Islam, is-Soldati ta' l-Islam, is-Sostenituri Kurdistani ta' l-Islam, is-Sostenituri ta' l-Islam fil-Kurdistan, dawk li jsegwu l-Islam fil-Kurdistan, it-Taliban tal-Kurdistan); lokalità: fil-Grigal ta' l-Iraq.

---